MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 854/2010

**Ambrose Mackay, Jessica Eddelston Mackay u Doris Mackay**

***Versus***

***Citadel Insurance p.l.c.***

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu ħlas taħt polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja wara li l-persuna li l-ħajja tagħha kienet assikurata mietet. Din is-sentenza tallum hija dwar eċċezzjonijiet preliminari ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva u nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju.
2. L-atturi fissru illi huma l-werrieta ta' Jesmond Mackay, li miet fis-26 t'Awissu 2008 ta' ħamsa u erbgħin sena. Jesmond Mackay kien ingħata self – fil-forma ta' *overdraft account* u *loan account* – ta' tlieta u tmenin elf lira (Lm83,000) – daqs mija u tlieta u disgħin elf, tliet mija u sebgħa u tletin lira u disgħa u disgħin ċenteżmu (€193,337.99) – minn *Bank of Valletta p.l.c.*, u biex seta' kiseb dan is-self Jesmond Mackay kellu jikseb polza ta'

assikurazzjoni biex tagħmel tajjeb għad-dejn f'każ li huwa jiġi nieqes.

3. Din il-polza nħarġet mis-soċjetà assikuratriċi konvenuta fis-6 ta' Frar 2008 u kienet tassikura, fost ħwejjeġ oħra, illi jekk Jesmond Mackay jiġi nieqes il-konvenuta tħallas lil *Bank of Valletta p.l.c.* il-bilanċ kollu tad-dejn.

4. Il-konvenuta, iżda, issa li miet Jesmond Mackay, ma tridx tħallas, għax qiegħda tgħid illi Jesmond Mackay kellu mard jew kondizzjoni ta' saħħa li ma għarrafhiex biha meta talab li tinħariġlu l-polza. Din l-allegazzjoni tal-konvenuta, igħidu l-atturi, ma għandhiex mis-sewwa għax Jesmond Mackay kien b'saħħtu meta nħarġitlu l-polza. Għalhekk l-atturi kemm-il darba sejħu lill-konvenuta, ukoll b'ittra uffiċjali tas-7 ta' Lulju 2009, biex tħallas il-bilanċ lil *Bank of Valletta p.l.c.* iżda għalxejn, għax il-konvenuta baqgħet ma tridx tħallas. Minħabba f'dan in-nuqqas tal-konvenuta l-atturi qegħdin iġarrbu danni għax qiegħed igħaddi l-imgħax fuq il-bilanċ tad-dejn. Għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. tgħid illi l-polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja ta' Jesmond Mackay, maħruġa fis-6 ta' Frar 2009, tiswa għal dak kollu li tgħid u trid il-liġi;

ii. tgħid illi l-ħajja ta' Jesmond Mackay kienet koperta bil-polza;

iii. tgħid illi l-konvenuta bħala assikuratriċi għandha twettaq l-obbligazzjonijet tagħha taħt il-polza billi, fost ħwejjeġ oħra, tħallas lil *Bank of Valletta p.l.c.* il-bilanċ li Jesmond Mackay kien fadallu jħallas fuq is-self;

iv. tillikwida l-ammont li għandu jitħallas lil *Bank of Valletta p.l.c.*;

v. tordna lill-konvenuta tħallas lil *Bank of Valletta p.l.c.* l-ammont hekk likwidat;

vi. tgħid illi l-konvenuta għandha twieġeb għad-danni li jġarrbu l-atturi minħabba fl-imgħax li għadu għaddej fuq id-dejn;

vii. tillikwida dawn id-danni; u

viii. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

5. Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

i. safejn il-polza ngħatat b'rahan lil *Bank of Valletta p.l.c.* bħala kreditur tal-atturi, u safejn il-bank li ngħata r-rahan għandu "d-dritt li jeżerċita kull għażla ta' min jagħti r-rahan … … … u ad esklużjoni ta' min jagħti r-rahan", kif igħid l-art. 1712M tal-Kodiċi Ċivili, l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku biex imexxu b'din l-azzjoni; u

ii. bla ħsara għall-ewwel eċċezzjoni, ukoll jekk l-atturi għandhom interess ġuridiku, it-talbiet tagħhom ma jistgħux jintlaqgħu għax qegħdin isiru għall-benefiċċju ta' terza persuna li ma hijiex parti fil-kawża.

6. Din l-eċċezzjoni tallum hija dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijet.

7. L-ewwel eċċezjoni hija mibnija fuq l-art. 1712M tal-Kodiċi Ċivili, li fil-parti relevanti tiegħu jgħid hekk:

**1712M.** (4) Bla ħsara għal kull dritt preċedenti, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan ta' polza ta' l-assigurazzjoni għandu jgawdi d-drittijiet kollha tad-detentur ta' polza li jirċievi avviżi taħt il-polza, li jirċievi kull rikavat tal-polza, meta dan ikun dovut, meta jimmatura jew ma' ċediment iktar kmieni u d-dritt li jeżerċita kull għażla ta' min jagħti r-rahan taħt il-polza, ħlief għat-tismija ta' benefiċjarju, … … …

8. Ma huwiex kontestat illi l-polza hija mirhuna lil *Bank of Valletta p.l.c.*

9. Is-soċjetà konvenuta qiegħda tgħid illi huwa *Bank of Valletta p.l.c.* biss li seta' jagħmel din l-azzjoni għall-ħlas tal-polza, preżumibilment għax li tmexxi b'din l-azzjoni hija "għażla" taħt il-polza illi issa, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, tmiss mhux li min ta r-rahan, *i.e.* l-atturi, iżda lill-bank, li lilu ngħata r-rahan.

10. Fil-fehma ta' din il-qorti, biex tagħti interpretazzjoni tajba ta' din id-dispożizzjoni, trid qabel xejn tifhem ir-raġuni għaliha. Ir-raġuni hija l-ħarsien tal-jedd tal-kreditur li ma jarax il-ħaġa mirhuna – u għalhekk il-garanzija tiegħu għall-ħlas tal-kreditu – tispiċċa fix-xejn għax is-sid tal-polza jagħmel "għażla" li ma tkunx kompatibbli ma' dak il-jedd. Fid-dawl ta' dan, l-eċċezzjoni tal-konvenuta kien ikollha meritu li kieku l-atturi talbu illi l-ħlas taħt il-polza jsir lilhom. L-atturi iżda qegħdin jitolbu illi l-ħlas isir lill-bank kreditur, biex hekk jitwettaq il-għan aħħari tar-rahan, li hu illi jitħallas id-dejn. F'dan ma hemm xejn inkompatibbli

mal-jedd tal-kreditur; anzi, huwa t-twettiq tal-għan aħħari tiegħu.

11. Ma ninsewx ukoll illi l-konvenuta ifformulat l-eċċezzjoni bħala waħda ta' nuqqas ta' interess ġuridiku. Ċertament ma jistax jingħad illi l-atturi, bħala debituri tal-bank, ma għandhomx interess illi d-dejn jitħallas biex b'hekk jinħelsu mill-obbligazzjoni. Għalkemm il-ħlas isir lill-bank, jiġi benefikat ukoll il-patrimonju tal-atturi għax jinħeles minn passiv. Dan huwa interess biżżejjed biex l-atturi jistgħu jmexxu b'din l-azzjoni.

12. L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

13. Dan li għadu kemm ingħad dwar l-ewwel eċċezzjoni huwa raġuni biex tiġi miċħuda wkoll it-tieni eċċezzjoni, li fiha l-konvenuta qiegħda tgħid illi t-talbiet tal-atturi ma jistgħux jintlaqgħu għax qegħdin isiru għall-benefiċċju ta' terza persuna li ma hijiex parti fil-kawża. It-talbiet, kif rajna, qegħdin isiru għall-benefiċċju tal-atturi wkoll għax jekk isir il-ħlas lill-bank taħt il-polza, l-atturi jieħdu l-benefiċċju li jinħelsu mid-dejn.

14. It-tieni eċċezzjoni wkoll hija għalhekk miċħuda.

15. Fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 1149(1) tal-Kodiċi Ċivili[1], il-bank ma jistax jirrifjuta l-ħlas li jsirlu mill-konvenuta u għalhekk il-preżenza tiegħu f'din il-kawża ma hijiex meħtieġa. Madankollu, billi l-bank ukoll għandu interess fl-eżitu, huwa xieraq illi jiġi notifikat bl-atti biex, jekk jidhirlu, jintervjeni *in statu et terminis*. Għalhekk tordna notifika tal-atti lil *Bank of Valletta p.l.c.*

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tordna li jitkompla s-smigħ. L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] **1149.** (1) Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur.